# *Kapitlu 6*
# Personaġġi li żaru l-Każin

Din is-Soċjetà laqgħet diversi persuni distinti fis-sede tagħha. F'Marzu 1944, il-Gvernatur Lord Gort ġie Ħal Balzan u kien mistieden fil-Każin. L-istess kien għamel il-Gvernatur Sir Gerald Creasy fl-1950, il-Gvernatur Sir Robert Laycock fl-1955 u Sir Maurice Dorman fl-1963. Fid-29 ta' Ġunju 1963 kien ġie l-Każin tagħna l-Konslu Amerikan Mr. B.W. Ruffner sabiex jippreżenta żewġ standarti, wieħed Amerikan u l-ieħor ta' Michigan State li l-aħwa Ġużeppi u Salvu Gauci rregalaw lill-Banda San Gabriel. Dawn kienu għexu għal żmien twil fl-Istati Uniti. L-Arcisqof Mons. Mikiel Gonzi kien ukoll żar il-Każin wara li amministra s-Sagrament tal-Griżma tal-Isqof lit-tfal Balzanin fis-sena 1967[1].

In-Nunzju Appostoliku Mons. Edoardo Pecoraio u Sir Anthony Mamo (1909-2008), dak iż-żmien Gvernatur Ġenerali, għamlu żjara ta' kortesija lill-Każin tal-Banda San Gabriel wara li Mons. Pecoraio mexxa t-Translazzjoni Solenni ta' Lejliet il-Festa Titulari tal-Lunzjata nhar l-10 ta' Ġunju 1972.



***Sir Anthony Mamo***



***Mons. Eduardo Pecoraio***

[1] Minuti tas-Soċjetà

Għall-festa tal-1975 li issa bdiet issir fit-tieni Ħadd tal-Lulju, kien żar il-Każin in-Nunzju Appostoliku l-ġdid Mons. Antonio Del Giudice li kellu r-residenza tiegħu f'Ħal Balzan stess.

L-Aġent President tar-Repubblika Dr Paul Xuereb flimkien mas-Sinjura tiegħu Edith kienu attendew għall-programm mużikali ġewwa l-Każin u l-Banda San Gabriel kienet taħt id-Direzzjoni tat-tieni Surmast Direttur Mro. Clemente Sciberras.

Fis-sena 1999 saret żjara fil-Każin tal-Banda San Gabriel mill-Isqof Mons. Joe Grech DD, iben Ħal Balzan li kien inħatar l-Isqof ta' Melbourne fl-Awstralja mill-Papa Gwanni Pawlu II.



***Dr. Paul Xuereb jidher jiffirma l-ktieb tal-viżitaturi fil-preżenza ta' Gabriel Caruana MQR, President tas-Soċjetà, u tas-Segretarju, Guido Borg fl-okkażjoni tal-festa ta' Marija Annunzjata nhar is-6 ta' Lulju 1988. Jidher wkoll Ġużeppi Calleja (RIP) membru tal-Kumitat.***

Il-President ta' Malta l-Prof. Guido De Marco ħa ritratt tal-okkazjoni mal-Kumitat Ċentrali waqt żjara fil-Każin nhar il-Ħadd 29 ta' Settembru 2002 – Jum il-festa tal-Arkanġlu San Gabriel - meta f'dik is-sena s-Soċjetà ċċelebrat għeluq il-50 sena mit-twaqqif tal-Banda San Gabriel. Hawn ma nistax ma nsemmix id-diskors tal-President tas-Soċjetà s-Sur Lino Borg waqt iż-żjara tal-E.T. Il-President Demarco meta qal '*li l-ġurnata tad-19 t'April 1920 tibqa'*



*timbru f'moħħna għax grupp ta' nies Balzanin fetħu soċjetà bl-isem ta' Circolo San Gabriele fi Triq Santa Marija. Dan għamluh b'sagrifiċċju u b'imħabba kbira lejn Marija Annunzjata sabiex waqt li jfaħħruha filgħodu, f'nofsinhar u filgħaxija bl-Ave Marija, riedu jieħdu ħsieb l-armar u t-tiżjin tal-festa ta' barra u b'hekk jesprimu l-akbar imħabba lejn il-Patruna tagħhom kull meta jaħbat it-Tieni Ħadd ta' Lulju.'*



L-E.T. Il-President tar-Republika ta' Malta, Dr. Edward Fenech Adami attenda l-programm mużikali fis-Sala Aurora fejn kien ġie onorat il-Padrun tas-Soċjetà Gabriel Caruana MQR. Il-Banda San Gabriel kienet taħt is-Surmast Direttur attwali Mro. Joseph Vella. Wara għamel żjara fil-Każin f'din l-okkażjoni ta' għeluq il-Ħamsin Sena (1957-2007) mill-akkwist tas-sede tas-Soċjetà. Jidhru l-Padrun tas-Soċjetà Gabriel Caruana MQR, il-President tas-Soċjetà Lino Borg u s-Segretarju Saviour Deguara.

## Il-Wisq Nobbli Bernardo Manduca Piscopo Macedonia Zamitt

Benefattur ewlieni għall-Każin tal-Banda San Gabriel kien il-Konti Bernardo Manduca Piscopo Macedonia Zamitt.[2] Fil-fatt l-ewwel programm mużikali u l-ewwel dehra tal-istess Banda San Gabriel fl-1952 saret quddiem il-Villa tal-Konti Manduca, illum l-Ambaxxata Spanjola. Sakemm dam ħaj l-istess Konti, il-Banda San Gabriel kienet ta' kull sena ddoqq ġewwa l-Wardija għall-festa tal-Madonna tal-Abbandunati li kienet tiġi organizzata mill-istess Konti ġewwa l-lokal tal-Wardija. Tant kemm kellu għal qalbu l-patruna tagħna l-Balzanin il-Lunzjata, il-Konti ħaseb sabiex fis-saqaf tal-Knisja ġewwa l-Wardija ddedikata

[2] Il-Konti Bernardo Manduca Piscopo Macedonia Zamitt kien il-wild il-kbir minn 6 itfal tal-Konti Francesco Manduca Piscopo Macedonia u martu Angiolina. Il-Konti Bernardo twieled fl-1891 u miet fis-sena 1971. Fil-funeral tiegħu, ma setax jonqos li l-Banda San Gabriel takkumpanjah. Hu kien benefattur u ħabib kbir tal-Balzanin, kemm għall-Knisja Parrokkjali u kemm għall-Każin tal-Banda San Gabriel. Kien devot tal-Lunzjata. Jibqa' fil-memorja tal-anzjani Balzanin. Anke missieru l-Konti Francesco kien benefattur kbir.



***Il-Konti Bernardo Manduca Piscopo Macedonia Zamitt (xellug) mal-koppja Charles u Myriam Cassar f'tieġ li sar fil-Każin fid-9 t'April 1961. (Ritratt bil-kortesija ta' Myriam Cassar)***



***Il-katuba li ngħatat b'donazzjoni mill-Konti Manduca, benefattur tal-Balzanin.***



lill-Madonna tal-Abbandunati, ma naqasx li ma jkunx hemm pittura tat-tħabbira tal-Arkanġlu Gabriel lil Marija. Għall-festa tal-1953, Gabriel Caruana jirrakontali storja ħelwa fuq dan il-Konti. Id-drawwa kienet li l-marċ tal-Ġimgha tal-Aħħar tat-Tridu jidhol ġol-Villa Macedonia tal-Konti bid-daqq ta' marċ brijuż. Il-Konti kien jagħti x'jixorbu lill-bandisti u l-ħbieb kollha tal-istess Konti li jkunu mal-banda. Gabriel kompla qalli li kien ikun hemm briju sħiħ fil-Villa tal-Konti. L-istess Konti Manduca kien ikun fis-seba' sema jara lill-Balzanin jieħu hekk gost quddiem il-Banda San Gabriel hekk fil-bidu tagħha. Intant, il-waqfa tal-Banda San Gabriel kienet lesta u kompliet is-servizz tagħha. Gabriel kien jibqa' hemm jgħin lill-Konti jerfa' l-affarijiet. Però ħin minnhom il-Konti dar fuq Gabriel u staqsieh li minkejja li kien hemm ferħ mal-waqfa tal-Banda, Gabriel kellu dwejjaq. Minnufih Gabriel dar fuq il-Konti u qallu, 'Il-Batterija (il-katuba, il-platti u t-tamborlin) għadha dejn u ma nafx kif ser inħallashom'. Tajjeb li nkunu nafu li sa sena qabel dawn kienu jissellfu mingħand l-Għaqda Mużikali Duke of Connaught Own ta' B'Kara. U Gabriel minn jeddu kien mar xtara sett. Bla telf ta' ħin il-Konti dar fuq Gabriel u qallu: '*Tini l-kont u nħallashomlok jien*'. Gabriel temm jirrakontali din l-istorja meta qalli li hemm kont ħadt ir-ruħ u għal darb'oħra l-Konti kien iffrankali problema. Hekk temm dan ir-rakkont Gabriel, '*Dal-Konti benefattur per eċċellenza.*'



***Fis-saqaf tal-istess Knisja fil-Wardija nsibu pittura tat-tħabbira tal-Arkanġlu Gabriel lil Marija. Dan juri kemm l-istess Konti kellu għal qalbu dan it-titlu tal-Annunzazjoni ta' Marija.***




***Il-lapida ta' fejn hu midfun il-Konti B. Manduca Zamitt ġewwa l-Knisja li tant kienet għal qalbu, iddedikata lill-Madonna tal-Abbandunati fil-Wardija, fejn għal żmien twil il-Banda San Gabriel u l-membri tagħha taw il-kontribut tagħhom fil-festa li ssir ġewwa l-Wardija.***



*Il-Każin tal-Banda San Gabriel mixgħul u mlibbes l-aqwa armar fil-festa tal-Lunzjata.*